MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1855/2001/1

**Kristine Bonnici**

**Vs**

**Virgilio Pirrone**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi:

Peress illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attrici fl-ammont ta' tlieta u tletin elf Lira Maltin (Lm33,000), rapprezentanti self brevi manu moghti lilek mill-mittenti stess flimkien ma' l-imghax legali u dan skond ftehim datati 22 ta' Gunju, 2001, 31 ta' Lulju, 2001 u 16 ta' Awissu, 2001,

rispettivament fejn l-istess ikkostitwixxa ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur;

Peress illi avolja interpellat biex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas xejn:

Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-attrici l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba ta' l-istess attrici;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandix, dispensat is-smigh tal-kawza skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta, u in vista ta' l-affidavit guramentat hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

(1) tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispensa tas-smigh;

(2) tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attrici fl-ammont ta' tlieta u tletin elf Lira Maltin (Lm33,000), rapprezentanti self brevi manu moghti lilek mill-mittenti stess flimkien ma' l-imghax legali u dan skond ftehim datati 22 ta' Gunju, 2001, 31 ta' Lulju, 2001, u 16 ta' Awissu, 2001, rispettivament fejn l-istess ikkostitwixxa ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur;

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas l-attrici s-somma ta' tlieta u tletin elf Lira Maltin (Lm33,000), rapprezentanti self brevi manu moghti lilek mill-mittenti stess flimkien ma' l-imghax legali u dan skond ftehim datati 22 ta' Gunju, 2001, 31 ta' Lulju, 2001, u 16 ta' Awissu, 2001, rispettivament fejn l-istess ikkostitwixxa ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-interessi legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol.3 tal-process.

Rat n-**Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent kien verament ikkostitwixxa lilu nnifsu d-debitur tal-attrici fis-somma riklamata b’din l-azzjoni izda l-ammont minnu dikjarat bhala d-debitu fl-imsemmija skrittura kienu jinkludu diversi pagamenti sostanzjali maghmula mit-terzi, senjatament Chris Cachia u missier l-imsemmi Chris Cachia, u dan bl-accettazzjoni tal-imsemmi Cachia. Ghalhekk l-eccipjent jissottometti illi f’din l-istanza ghandu jigi determinat illi l-ammonti pagabbli lill-attrici u meritu ta’ din il-kawza jinkludu l-ammonti pagabbli lill-imsemmija Cachia jkunu wkoll saldati.

2. Illi l-ammont pretiz ma huwiex kollu dovut billi f’Ottubru illi ghadda, l-eccipjent kien hallas is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) lill-imsemmi Chris Cachia akkont, kif gia inghid, ta’ dan id-debitu.

3. Illi nonostante dak dikjarat fl-imsemmija skrittura, id-debitur veru l-obbligazzjoni ta’ hlas meritu ta’ din il-kawza huwa certu Silvio Naudi, illi mieghu qeghdin jittrattaw l-attrici u l-imsemmija Cachia, sabiex isir il-hlas tad-debitu pretiz mill-attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’ l-attrici;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi f'dina l-kawza jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut kif ukoll mill-eccezzjonijiet tieghu li hu qed jammetti li, almenu, ghandu jaghti zgur Lm30,000. Imbaghad il-kontestazzjoni tieghu qeda fis-sens li s-self lilu sar minn Chris Cachia; li diga hallas Lm3,000 akkont u li d-dejn hu proprjament ta' Silvio Naudi u mhux tieghu.

Kwantu ghall l-ewwel eccezzjoni l-konvenut qed jghid li l-ammont minnu dikjarat fl-iskritturi a fol 5 sa 7 bhala d-debitu dovut minnu kienu jinkludu diversi pagamenti sostanzjali maghmula minn Chris Cachia ghalhekk ghandu jigi determinat li l-ammonti pagabbli lill-attrici u meritu ta' din il-kawza jinkludu ammonti pagabbli lill-Chris Cachia.

Dwar dina l-eccezzjoni xehed l-istess Chris Cachia li qal li l-flus mitluba fic-citazzjoni kienet selfithom l-attrici lill konvenut u hu kien prezenti meta l-attrici tat il-flus lill Pirrone. Hu kien sempliciment introduca lill attrici ma Pirrone biex tisilfu l-flus. Ikkonferma wkoll li hu m'ghandu jiehu xejn minghand il-konvenut u m'ghandu ebda *claim* kontra Pirrone. Il-flus li kellu jaghtih Pirrone fuq self illum thallas u l-konvenut m'ghandu jaghtih xejn.

Mill-iskritturi ezibiti jidher car li s-self sar mill-attrici lill konvenut u Chris Cachia, skond il-karti, ma jidhol xejn fil-kwisjtoni. Silvio Naudi fix-xhieda tieghu jikkonferma li l-attrici insistiet quddiemu li l-flus li silfet lill Pirrone kienu taghha.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jghid li l-ammont pretiz mill-attrici m'hux kollu dovut billi hu kien hallas is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) lill Chris Cachia akkont ta' dan id-debitu.

Chris Cachia xehed li hu ma jafx li l-konvenut hallsu xi Lm3,000. Jghid li quddiemu qatt ma saru pagamenti minn Pirrone la lilu u lanqas lill attrici. Silvio Naudi kkonferma li quddiemu Cachia kien innega li Pirrone kien hallsu xi Lm3,000. L-istess tghid l-attrici li hi ma tiftakarx li sar xi pagament ta' Lm3,000 lilha mill-konvenut. Ziedet tghid li l-

konvenut kien taha tlett *cheques* mahruga minn Mr & Mrs Naudi izda dawn gew *referred to drawer* ghalhekk l-ammont totali ta' Lm33,000 u l-imghax ghadhom dovuti.

Il-konvenut insista li hu kien hallas Lm3,000 minn dawn it-Lm33,000 lill Chris Cachia izda xehed li hu m'ghandux ricevuta ghall dana l-ammont u qatt ma kien jitlob l-ircevuta lill Cachia. Il-konvenut qed jippretendi li hu ghamel l-allegat pagament lill Chris Cachia izda jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Cachia li huwa ma kienx awtorizzat mill-attrici li jircievi flus ghan nom taghha. Cachia xehed li qatt ma sar pagament minn Pirrone lilu u li hu ma kienx awtorizzat li jircievi flus li kienu dovuti lill attrici. "Il- hlas ghandu jsir lill-kreditur jew lill persuna li jkollha minghandu s-setgha li tircievi l-hlas". (Art 1151 Kap 16).

Skond il-ligi u gurisprudenza jinkombi l-ewwel nett lill attur li jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu, imbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhhu fuq il-konvenut li jallega li ghamel pagament.

Min jallega pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti; u fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (Kollez 37 p1 p 535), jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra. (Kollez 35 p3 p 604; XLIX p 2 p 777). Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali (App Kum Buttigieg vs Portelli 26/1/1976; App Chetcuti vs Pearson 5/10/1998).

Fil-kaz in ezami l-attrici gabet prova li fil-fatt l-ammont intier mitlub ghadu dovut bl-imghax u li ma sar ebda pagament akkont. Min naha l-ohra il-konvenut ma rnexxilux jipprova b'ircevuta jew mod iehor li hu hallas Lm3,000 akkont lil xi hadd.

Fit-tielet u l-ahhar eccezzjoni tieghu l-konvenut jghid li nonostante dak dikjarat fl-imsemmija skritturi, id-debitur veru huwa certu Silvio Naudi, illi mieghu kienu qeghdin jittrattaw l-attrici u l-imsemmija Cachia, sabiex isir il-hlas tad-debitu pretiz mill-attrici.

Illi mid-dokumenti ezibiti u partikolarment l-iskritturi li saru bejn l-attrici u l-konvenut, Silvio Naudi ma jiffigura imkien. “Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta’ hsara jew ta’ gid ghall haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi.” (Art 1001 Kap 16).

Inoltre l-ammissjoni da parti tal-konvenut, fix-xhieda tieghu kif ukoll fl-eccezzjonijiet, li ghandu jaghti l-ammont mitlub jew kwazi l-ammont kollu, jeskludu eccezzjoni simili.

Il-konvenut xehed li kienu saru pagamenti permezz ta’ *cheques* mahruga minn Mr & Mrs Naudi, izda dan il-fatt wahdu ma jfissirx li r-relazzjoni li kien hemm bejn l-attrici u l-konvenut fuq l-iskrittura tbiddlet. Veru li kien sar attentat da parti tal-konvenut biex l-attrici tirrikonoxxi lill Naudi bhala responsabbli ghad dejn minfloku izda din m’accettatx billi ma kienx hemm assikurazzjoni bizzejjed li kienet ser tithallas. Il-fatt li l-attrici rceviet *cheques* minghand Naudi ma jbiddilx is-sitwazzjoni legali billi kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna jekk il-hlas ikun ta’ vantagg ghad-debitur (art 1149 Kap 16). Imma jibqa’ dejjem li l-attrici qatt ma rrikonoxxiet lil Naudi u r-rabta taghha baqghet dejjem mal-konvenut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talba attrici u
tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlieta u tletin elf Lira Maltin (Lm33,000), rapprezentanti self brevi manu moghti lilu mill- stess attrici flimkien ma’ l-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------